# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 29**
**Rikors maħluf numru 1127/2011AE**

**Clifford Agius bħala mandatarju tal-assenti John Curtin**

***v.***

***Maltapost p.l.c.* (C 22796)**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà konvenuta minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Frar 2014 li laqgħet talba tal-attur biex is-soċjetà konvenuta tiġi kundannata tibdel bolol b'denominazzjoni tal-lira ta' Malta b'oħrajn tal-istess valur denominati bl-euro. Il-fatti relevanti seħħew hekk:

2. Fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Novembru 2007 ġiet pubblikata Notifikazzjoni tal-Gvern numru 1000 tal-istess data li tgħid hekk:

»Nru 1000

«Att dwar is-Servizzi Postali (Kap. 254)

Bolli tal-pustaġġ maħruġa wara l-1997
ma jiswewx iżjed bħala ħlas bil-quddiem ta' pustaġġ

»Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 36 (2) ta' l-Att dwar is-Servizzi Postali, il-Ministru għall-Kompettitività u Komunikazzjoni jordna illi minħabba l-proċess għal bidla fl-Ewro, bolli ta' pustaġġ bid-denominazzjoni Lm biss maħruġa mill-1 ta' Jannar 1998 u wara mhumiex ser jiswew iżjed bħala ħlas bil-quddiem ta' pustaġġ mill-1 ta' Frar 2008 u wara. Kull oġġett postali li jkollu fuqu bolli tal-pustaġġ li jkunu hekk dikjarati mhux validi, jitqies li mhux imbullat kif imiss għall-fini ta' l-Att dwar is-Servizzi Postali.

»Iżda kull persuna li jkollha fil-pussess tagħha xi bolli hekk invalidati, tista' f'kull żmien mill-1 ta' Frar 2008 sal-31 ta' Marzu 2008, tikkunsinnahom lil *Maltapost plc*, li għandha tibdilhomlha ma' bolli oħra validi tal-istess valur.

»Dan l-avviż ma japplikax għal bolli ta' pustaġġ stampati jew mibjugħin bil-kundizzjoni li jkunu użati għal fini ta' filatelija.

»Is-16 ta' Novembru, 2007«

3. Din in-notifikazzjoni saret bis-saħħa tal-art. 36(2) tal-Att dwar is-Serivvi Postali [Kap.254]:

»Il-Ministru jista', wara li jikkonsulta mal-operaturi postali involuti, b'avviż pubblikat fil-Gazzetta, jordna li bolli, li jkunu qed jiġu użati meta jinħareġ dak l-avviż, m'għandhomx jibqgħu validi għall-ħlas bil-quddiem ta' pustaġġ, u, mill-jum u wara l-jum stabbilit f'dak l-avviż, kull oġġett postali li jkollu fuqu bolli li jkunu ġew hekk dikjarati mhux validi, għandu jitqies li ma jkollux bolli fuqu kif imiss għall-finijiet ta' dan l-Att u ta' kull direttiva jew regolament magħmulin taħtu:

»Iżda kull min ikollu fil-pussess tiegħu xi bolli invalidati mill-Ministru kif hawn aktar qabel imsemmi, jista' f'kull żmien sa xahrejn wara d-data msemmija f'dak l-avviż, jikkunsinnahom lill-istess operatur postali, li għandu jibdilhomlu ma' bolli oħra validi tal-istess valur.«

4. Fit-28 ta' Frar 2008 l-attur talab lis-soċjetà konvenuta tibdel bolol denominati bil-lira ta' Malta li kienu jiswew daqs tlieta u għoxrin elf, tmien mija u disa' euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€23,809.97) b'oħrajn tal-istess valur denominati bl-euro, iżda l-konvenuta irrifjutat għax dehrilha li l-bolol li ried li jinbidlu l-attur kienu mibjugħa bil-

kundizzjoni li jkunu użati għal fini ta' filatelija. L-attur għalhekk fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti:

> »i. tiddikjara li s-soċjetà intimata naqset li tonora l-obbligi tagħha skond l-avviż numru 1000 tas-16 ta' Novembru 2007 maħruġa taht l-Att dwar is-Servizzi Postali (Kap. 254);
>
> »ii. tikkundanna lis-soċjetà intimata tbiddel il-bolli msemmija fl-applikazzjoni li saret mir-rikorrenti fit-28 ta' Frar 2008 ma' bolli oħra validi, *ossia* f'denominazzjoni tal-euro, tal-valur komplessiv ta' tlieta u ghoxrin elf, tmien mija u disa' euro, sebgħa u disgħin ċenteżmu (€23,809.97) jew ta' somma oħra verjuri li tiġi stabbilita waqt l-anda-ment tal-kawża;
>
> »iii. sussidjarjament u f'każ li ma tintlaqax it-talba fil-paragrafu pre-ċedenti, tipprefiġġi żmien perentorju f'liema s-soċjetà intimata għand-ha tesegwixxi l-obbligazzjonijiet tagħha billi tbiddel il-bolli msemmija fl-applikazzjoni li saret mis-soċjetà esponenti fit-28 ta' Frar 2008 ma' bolli oħra validi, *ossia* f'denominazzjoni tal-euro, tal-valur komplessiv ta' tlieta u għoxrin elf, tmien mija u disa' euro, sebgħa u disgħin ċentezmu (€23,809.97) fit-termini tal-avviż fuq imsemmi.[1]«

5. L-ewwel qorti laqgħet it-talbiet għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »L-attur għamel talba sabiex jinbidlulu kwantità ta' bolli. Permezz ta' *email* datata 24 ta' Settembru 2008, mibgħuta minn Joseph Camilleri, *chairman* ta' *Stamp Exchange Board* maħtur mill-konvenuta, ġie infurmat:-
>
>> »"I refer to your application of the 28 February 2008, wherein you requested to exchange Lm10,221.62 of Malta Lira denominated stamps.
>>
>> »"I regret to advise that your application cannot be entertained in view that these stamps were purchased from philatelic sources. This decision has been based on Government Notice Nº 1000 published on the 16 November 2007."
>
> »Permezz tal-ewwel eċċezzjoni l-konvenuta qiegħda ssostni li r-rikors ġuramentat hu null … … …
>
> »… … …
>
> »Fil-meritu l-qorti tosserva li skond l-artikolu 36(2) tal-Att dwar is-Servizzi Postali (Kap. 254):-
>
>> »"Il-Ministru jista', wara li jikkonsulta mal-operaturi postali involuti, b'avviż pubblikat fil-Gazzetta, jordna li bolli, li jkunu qed jiġu użati meta jinħareġ dak l-avviż, m'għandhomx jibqgħu validi għall-ħlas bil-quddiem ta' pustaġġ, u, mill-jum u wara l-jum stabbilit f'dak l-avviż, kull oġġett postali li jkollu fuqu bolli li jkunu ġew hekk dikjarati mhux validi, għandu jitqies li ma jkollux bolli fuqu kif imiss għall-finijiet ta' dan l-Att u ta' kull direttiva jew regolament magħmulin taħtu:

[1] Ma tidhirx sew x'inhi d-differenza bejn it-tieni u t-tielet talbiet.

»"Iżda kull min ikollu fil-pussess tiegħu xi bolli invalidati mill-Ministru kif hawn aktar qabel imsemmi, jista' f'kull żmien sa xahrejn wara d-data msemmija f'dak l-avviż, jikkunsinnahom lill-istess operatur postali, li għandu jibdilhomlu ma' bolli oħra validi tal-istess valur."

»Hu evidenti li l-liġi ma tagħmilx distinzjoni bejn bolli ta' pustaġġ li jinxtraw biex jintużaw għall-pustaġġ u bolli li jinxtraw għall-filatelija. Il-qorti tosserva:-

»(a) m'hemmx dubju li l-applikazzjoni ġiet preżentata fit-terminu ta' xahrejn li jissemmew fl-avviż. Fl-avviż pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern jingħad li l-applikazzjoni kellha tigi ppreżentata fl-1 ta' Frar 2008 sal-31 ta' Marzu 2008. *B'email* datata 12 ta' Marzu 2008 *Maltapost plc* tat konferma li kienet irċeviet l-applikazzjoni tal-attur;

»(b) fl-avviz jingħad li ma japplikax għall-bolli *"printed or sold subject to the condition that they will be used only for purposes of philately"*. Għalkemm il-konvenuta ma għamlet riferenza għal ebda provvediment tal-liġi li jeskludi l-applikazzjoni tal-artikolu 36(2) fir-rigward ta' bolli stampati jew mibjugħa bil-kundizzjoni li jkunu użati għal fini ta' filatelija, f'dawn il-proċeduri m'huwiex jiġi mistħarreġ jekk l-ordni tal-ministru kenitx *ultra vires*. Il-kawża li ppropona l-attur m'hijiex biex tiġi mist-ħarrġa l-ordni tal-ministru, u anzi l-attur ibbaża l-kawża fuq tali ordni fis-sens li l-konvenuta naqset milli tonora l-obbligu tagħha skond l-imsemmi avviż.

»(ċ) L-attur xehed li l-parti l-kbira ta' bolli meritu tal-kawża kien xtrahom mingħand George Roll, li l-qorti fehmet li kienet aġenzija tal-filatelija. Bħala raġuni għalfejn l-applikazzjoni tal-attur giet miċħuda, ingħad: "[…] *in view that these stamps were purchased from philatelic sources".* L-attur ippreżenta *specimen* tal-bolli li jrid jibdel. M'hemm l-ebda prova li l-bolli li xtara Curtin kienu stampati jew inbigħu bil-kundizzjoni li jkunu użati għal fini ta' filatelija. Il fatt li persuna meta xtrat il-bolli seta' kellha l-intenzjoni li tużahom għal skop ta' filatelija ma jfissirx b'daqshekk li dawk il-bolli ta' pustaġġ kienu "stampati jew mibjugħin bil-kundizzjoni li jkunu użati għal fini ta' filatelija". Għal-daqstant, għalkemm George Roll kienet aġenzija filatelika, ma jfissirx li xtrat il-bolli bil-kundizzjoni "*that they will be used only for purposes of philately*". Fil-fehma tal-qorti l-aħħar paragrafu tal-avviż kellu jiġi interpretat fis-sens li fil-mument li jkun qiegħed isir il-bejgħ tal-bolli *Maltapost plc* tkun għamlet kundizzjoni li l-bolli jkunu użati biss għal finijiet ta' filatelija. L-avviż ma jgħidx li l-bolli ma jinbidlux jekk ikunu nxtraw mingħand aġent tal-filatelija. Għalhekk peress li m'hemmx prova li l-bolli in kwistjoni kienu "stampati jew mibjugħin bil-kondizzjoni li jkunu użati għal fini ta' filatelija", japplika l-artikolu 36(2) tal-Kap. 254. Il-qorti tosserva wkoll li:-

»(i) fl-artikolu 36(2) tal-Kap. 254 m'hemm l-ebda distinzjoni bejn bolli li nxtraw għall-pustaġġ u bolli li jinxtraw għall-filatelija;

»(ii) min jallega jrid jipprova. Għalhekk *Maltpost plc* kellha tipprova li l-bolli li jrid jibdel Curtin kienet stampathom jew bigħethom bil-kundizz-joni li jintużaw għall-filatelija biss.

»Għal dawn il-motivi l-qorti tiddeċiedi l-kawża billi:-

»1. tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta;

»2. fil-meritu tiċhad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta;

»3. tilqa' t-talbiet tal-attur u:-

»(a) tiddikjara li *Maltapost plc* naqset milli tibdel il-bolli tal-attur kif kellha obbligu li tagħmel skond l-avviż numru 1000 tas-16 ta' Novembru 2007 li nħareg a bażi tal-artikolu 36(2) tal-Att dwar is-Servizzi Postali;

»(b) tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tibdel il-bolli oġġett tal-applikazzjoni li kien ippreżenta l-attur bir-*Requistion for Exchange of Postage Stamps* ma' bolli validi b'valur komplessiv ta' tlieta u għoxrin el,f tmien mija u disa' euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€23,809.97);

»(ċ) tiffissa terminu ta' erbgħin (40) jum li fih il-konvenuta għandha tibdel il-bolli tal-attur b'bolli oħra li huma f'denominazzjoni tal-euro.

»Spejjeż a karigu tal-konvenuta.«

6. Il-konvenuta appellat b'rikors tat-13 ta' Marzu 2014 li għalih l-attur wieġeb fil-21 ta' Marzu 2014.

7. Fl-ewwel aggravju tagħha l-konvenuta tgħid illi, ladarba l-azzjoni tal-attur hija msejsa fuq in-Notifikazzjoni tal-Gvern tas-16 ta' Novembru 2007, l-oneru kien fuq l-attur li juri li seħħew il-kondizzjonijiet kollha hemm imsemmija, u mhux fuq il-konvenuta li turi li waħda mill-kon-dizzjonijiet (dik li l-bolol ma kinux maħsuba għall-filatelija) ma seħħitx. Fit-tielet aggravju, li huwa wkoll, għal raġunijiet li jiġu mfissra fil-para-grafu ta' wara dan, marbut mal-ewwel wieħed, il-konvenuta tgħid illi l-ewwel qorti ma kellhiex issejjes id-deċiżjoni tagħha fuq id-disposizz-jonijiet tal-art. 36(2) tal-Att dwar is-Servizzi Postali [Kap. 254] iżda biss fuq in-Notifikazzjoni tal-Gvern tas-16 ta' Novembru 2007, li fuqha hija msejsa l-azzjoni.

8. Iż-żewġ aggravji huma marbuta ma' xulxin għax l-ewwel qorti, għalkemm qalet illi ma hijiex sejra tqis jekk in-Notifikazzjoni tal-Gvern tas-16 ta' Novembru 2007 hijiex *ultra vires* is-setgħat mogħtija fl-art.

36(2) tal-Kap. 254 – u għalhekk effettivament qieset in-notifikazzjoni bħallikieku tiswa – madankollu xorta applikat l-art. 36(2) għax sabet illi ma kinitx seħħet il-kondizzjoni msemmija fin-notifikazzjoni – dik dwar l-użu maħsub tal-bolol – biex il-konvenuta tkun tista' teħles mill-obbligu li tibdel il-bolol.

9. Il-qorti hija tal-fehma li għandha tibda billi tqis it-tielet aggravju għax, jekk il-materja hija regolata bl-art. 36(2) tal-Kap. 254 – li ma jsemmi xejn dwar l-użu maħsub tal-bolol – mela jkun irrelevanti jekk inbigħux bil-kondizzjoni li jkunu użati għal fini ta' filatelija jew mingħajr dik il-kondizzjoni.

10. Fit-tielet aggravju l-konvenuta tgħid hekk:

> »Illi s-soċjetà esponenti ukoll tħoss ruħha aggravata bis-sentenza appellata peress illi minn ħarsa lejn l-istess sentenza jidher biċ-ċar li l-ewwel onorabbli qorti, għalkemm ma kienx hemm bażi leġittima biex issib li jikkonkorru r-rekwiżiti kollha tal-avviż 1000 tas-16 ta' Novembru 2007 ma ikkonċentratx fuq tali riżultanza iżda bbażat id-determinazzjoni tagħha tal-qofol tal-kawża u kwindi d-deċiżjoni tagħha tal-21 ta' Frar 2014 fuq l-artikolu 36(2) tal-Att dwar is-Servizzi Postali – ħaġa li ma kellhiex tagħmel. Dan hu manifestat mill-kliem fil-kunsiderazjonijiet tagħha, *cioè*: "Fl-Artikolu 36(2) tal-Kap. 254 m'hemm l-ebda distinzjoni bejn bolli li nxtraw għall-pustaġġ u bolli li jinxtraw għall-filatelija". L-artikolu 36(2) tal-Kap. 254 jawtorizza lill-ministru sabiex jippromulga avviżi bħal dak mertu ta' din il-kawża, u ma jirrestrinġi bl-ebda mod l-aġir tal-ministru jew jillimitah f'każ li, kif għamel, ikun irid hu stess jimponi kundizzjonijiet speċifiċi u/jew esklużjonijiet.
>
> »Illi bir-rispett kollu, analiżi dwar jekk jikkonkorru jew le provvedimenti ta' xi liġi oħra huma għal kollox superfluwi – wara kollox, anke l-artikolu 811(*f*) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi għar-ritrattazzjoni tal-kawża f'każ li s-sentenza tkun ġiet mogħtija fuq ħaġa mhix imdaħħla fit-talba. Għalhekk, il-konsiderazzjoni tal-ewwel onorabbli qorti tal-attur *nomine* għal dak li jipprovdi l-artikolu 36(2) tal-Att dwar is-Servizzi Postali (Kap. 254 tal-Liġijiet ta' Malta) mhux talli kienet għal kollox barra minn lokha talli żvijat l-ewwel onorabbli qorti fid-determinazzjoni dwar jekk jew le kellhomx jintlaqgħu t-talbiet attriċi. … … …
>
> »Illi għalhekk jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-ewwel onorabbli qorti ma kellhiex tibbaża r-raġunamenti tagħha fuq il-fatt illi l-artikolu 36(2) tal-Att dwar is-Servizzi Postali ma jagħmilx distinzjoni bejn bolli li nxtraw għall-pustaġġ u bolli li jinxtraw għall-filatelija, għaliex huwa l-avviż

> 1000 tas-16 ta' Novembru 2007 maħruġ taħt l-Att dwar is-Servizzi Postali (Kap. 254) illi jikkrea tali distinzjonijiet, u dan l-avviż huwa maħruġ *ai termini* tal-istess liġi.«

11. Il-jedd tal-attur li jinbidlulu l-bolol joħroġ mil-liġi u mhux min-Notifikazzjoni tal-Gvern maħruġa bis-saħħa ta' dik il-liġi. L-argument tal-konvenuta illi l-art. 36(2) "ma jirrestrinġi bl-ebda mod l-aġir tal-ministru jew jillimitah f'każ li, kif għamel, ikun irid hu stess jimponi kundizzjonijiet speċifiċi u/jew esklużjonijiet" huwa ħażin. Il-*proviso* għall-art. 36(2) igħid ċar illi min ikollu bolol invalidati "jista' … jikkunsinnahom lill-istess operatur postali, li *għandu* jibdilhomlu ma' bolli oħra validi tal-istess valur".

12. Tassew illi, kif osservat l-ewwel qorti, din ma hijiex kawża għal dikjarazzjoni li n-notifikazzjoni hija *ultra vires*, u tassew ukoll illi fil-premessi tal-azzjoni tiegħu l-attur jistrieħ fuq in-notifikazzjoni u mhux fuq l-art. 36(2). Madankollu, ladarba, kif ingħad, id-dritt ingħata lill-attur bis-saħħa tal-art. 36(2) u mhux bis-saħħa tan-notifikazzjoni, u ladarba n-notifikazzjoni stess espressament tgħid illi nħarġet bis-saħħa tal-art. 36(2), b'mod għalhekk li l-qorti ma issorprendietx lill-partijiet bl-applikazzjoni ta' dik il-liġi, l-ewwel qorti għamlet sew li applikat l-art. 36(2). Wara kollox *iura novit curia* u ma huwiex meħtieġ li l-attur espressament isemmi liġi biex il-qorti tapplika dik il-liġi jekk hija dik il-liġi li tirregola l-materja. Kull ma hu meħtieġ, biex jitħares il-jedd tad-difiża, hu li l-qorti ma tissorprendix lill-partijiet billi tapplika liġi li l-partijiet ma kellhomx l-opportunità li jittrattaw dwarha għax ma kinux jafu illi hija l-liġi applikabbli. Fil-każ tallum, kif rajna, dan ma huwiex il-każ għax in-

Notifikazzjoni tal-Gvern stess tagħmel referenza espressa għall-art. 36(2) tal-Kap. 254.

13. It-tielet aggravju tal-konvenuta għalhekk huwa ħażin.

14. Dan effettivament ifisser illi l-kwistjoni jekk il-bolol inbigħux bil-kondizzjoni li jkunu użati għal fini ta' filatelija jew mingħajr dik il-kondizzjoni ma għandhiex relevanza, u l-ewwel aggravju wkoll, għalhekk, huwa irrelevanti u huwa wkoll miċħud.

15. Fit-tieni aggravju l-konvenuta tgħid illi l-attur naqas milli jikkonsenja l-bolol lilha fi żmien xahrejn, kif trid il-liġi:

> »Illi s-soċjetà esponenti … tħoss ruħha aggravata wkoll peress illi l-attur *nomine* ma ġab l-ebda prova li fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Frar 2008 sal-31 ta' Marzu 2008 hu jew John Curtin ikkunsenja l-bolli mertu ta' din il-kawża lill-operatur postali (*cioè* lil *MaltaPost*) kif jesiġi l-istess avviz numru 1000 tas-16 ta' Novembru 2007. *Inoltre* prova tar-rifjut tal-konsenja ta' tali bolli setgħet issir, fost oħrajn, b'ċedola ta' depożitu li permezz tagħha tali bolli jiġu depożitati taħt l-awtorità ta' dina l-onorabbli qorti. Din iċ-ċedola jew xi prova oħra tal-imsemmija konsenja tal-bolli mertu ta' din il-kawża qatt ma ġiet ippreżentata u wisq anqas ippruvata. Dan allura juri li hemm ukoll nuqqas ta' prova dwar l-eżistenza ta' dan ir-rekwiżit tal-imsemmi avviż. Dan qatt ma sar u wisq inqas ġie ppruvat! *Ubi lex voluit dixit ...* għalhekk jekk l-attur *nomine* xtaq jistrieħ fuq l-avviż numru 1000 tas-16 ta' Novembru 2007 imsemmi fir-rikors promutur tal-istess attur *nomine*, il-mili u l-kunsinna tar-*requisition form* ma kenitx biżżejjed. Kellu jkun hemm il-kunsinna fiżika tal-bolli, ħaġa li kif ġà ingħad qatt ma saret!«

16. Il-bolol ma ġewx konsenjati għax għalkemm l-attur fittex li jagħmel hekk fit-28 ta' Frar 2007 – meta n-Notifikazzjoni tal-Gvern tas-16 ta' Novembru 2007 tgħid illi seta' jagħmel hekk "f'kull żmien mill-1 ta' Frar 2008 sal-31 ta' Marzu 2008" – il-konvenuta irrifjutathom mhux għax dehrilha li għalaq iż-żmien għall-bdil tal-bolol iżda għal raġuni li, kif rajna, ma kinitx raġuni tajba biex tirrifjuta. Fil-fatt meta l-konvenuta ikkontestat il-kawża ma ressqet ebda eċċezzjoni fis-sens ta' nuqqas

ta' konsenja jew depożitu tal-bolol, u l-aggravju f'dan l-istadju ma jistax jitqies li sar *in bona fide*. Barra minn hekk, in-nuqqas tal-attur li jiddepożita l-bolol fir-reġistru tal-qorti ma jtellfux il-jedd li tagħtih il-liġi.

17. Għal dawn ir-raġunijiet it-tieni aggravju wkoll ma jistax jintlaqa'.

18. Il-qorti tifhem illi jista' jiġri li, kif jingħad fl-aħħar aggravju, il-konvenuta ġġarrab telf jekk tibdel il-bolol tal-konvenut ma' bolol oħra tal-istess valur stampat fuqhom għax il-bolol li għandhom jinbidlu kienet inizjalment bigħethom lil aġent tal-filatelija bi skont, bil-patt li ma setax ibigħhom f'Malta jew il min ibigħhom f'Malta, waqt li issa sejra jkollha tibdilhom ma' bolol oħra tal-istess valur stampat fuqhom. Ir-rimedju iżda *se mai* il-konvenuta għandha tfittxu mingħand l-aġent li kiser dan il-patt, u mhux billi ċaħħad lill-attur minn jedd li tagħtih il-liġi.

19. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

20. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, tħallashom is-soċjetà konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr